2024/2851

13.11.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2851

tal-11 ta' Novembru 2024

dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-Aġenziji tal-Pagamenti tar-Renju Unit li jikkonċernaw in-nefqa finanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) fl-aħħar sena ta' eżekuzzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 (is-16 ta' Ottubru 2022 – il-31 ta' Diċembru 2023)

(notifikata bid-dokument C(2024) 7760)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 104 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 51 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 138 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ([3]) ("Ftehim dwar il-Ħruġ"),

Wara li kkonsultat il-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 104(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(iv), tar-Regolament (UE) 2021/2116, l-Artikolu 4(1), il-punt (b), l-Artikolu 5, l-Artikolu 7(3), l-Artikoli 9, 17, 21 u 34, l-Artikolu 35(4), l-Artikoli 36, 37, 38, 40 sa 43, 51, 52, 54, 56, 59, 63, 64, 67, 68, 70 sa 75, 77, 91 sa 97, 99 u 100, l-Artikolu 102(2) u l-Artikoli 110 u 111 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jibqgħu japplikaw, fir-rigward tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), b'rabta man-nefqa mġarrba mill-benefiċjarji u l-pagamenti li saru mill-Aġenzija tal-Pagamenti fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-programmi għall-iżvilupp rurali skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) għall-aħħar sena ta' eżekuzzjoni.

(2) F'konformità mal-Artikolu 64, it-tieni paragrafu, il-punt (a)(iv), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/128 ([5]), l-Artikolu 2, l-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 3(2), l-Artikolu 4(1), il-punt (b), l-Artikoli 5, 6 u 7, l-Artikoli 21 sa 25, l-Artikoli 27, 28 u 29, l-Artikolu 30(1), il-punti (a), (b) u (c), l-Artikolu 30(2), (3) u (4), u l-Artikoli 31 sa 40 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 ([6]) jibqgħu japplikaw, fir-rigward tal-FAEŻR, b'rabta man-nefqa mġarrba mill-benefiċjarji u l-pagamenti li saru mill-Aġenzija tal-Pagamenti fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-programmi għall-iżvilupp rurali skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 għall-aħħar sena ta' eżekuzzjoni.

([1]) ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj.
([2]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1306/oj.
([3]) ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/withd_2020/sign.
([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1305/oj).
([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/128 tal-21 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-verifiki, il-garanziji u t-trasparenza (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 131, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/128/oj).
([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 tas-6 ta' Awwissu 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni ta' kontijiet, ir-regoli dwar kontrolli, garanziji u trasparenza (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 59, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2014/908/oj).

(3) F'konformità mal-Artikolu 64, it-tieni paragrafu, il-punt (c), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/128, l-Annessi II u III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014 jibqgħu japplikaw għall-finijiet tal-Artikolu 32, il-punti (f) u (g), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/128 għall-aħħar sena ta' eżekuzzjoni.

(4) F'konformità mal-Artikolu 40, it-tieni paragrafu, il-punt (a)(iv), tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 ([7]), l-Artikolu 5, 5a, l-Artikolu 7(3) u (4), l-Artikolu 10, l-Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 11(2), l-Artikolu 12, l-Artikolu 13 u l-Artikolu 41(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 ([8]) jibqgħu japplikaw, fir-rigward tal-FAEŻR, b'rabta man-nefqa mġarrba mill-benefiċjarji u l-pagamenti li saru mill-Aġenzija tal-Pagamenti fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-programmi għall-iżvilupp rurali skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 għall-aħħar sena ta' eżekuzzjoni.

(5) Skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u abbażi tal-kontijiet annwali mressqa mir-Renju Unit li magħhom intbagħtet l-informazzjoni meħtieġa għall-approvazzjoni tal-kontijiet u opinjoni tal-awditjar dwar il-kompletezza, l-akkuratezza u l-veraċità tal-kontijiet u tar-rapporti stabbiliti mill-korpi ta' ċertifikazzjoni, il-Kummissjoni trid tapprova l-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament.

(6) F'konformità mal-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, għall-aħħar sena ta' eżekuzzjoni, il-kontijiet annwali jridu jiġu preżentati lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 6 xhur wara d-data ta' eleġibbiltà finali tan-nefqa kif imsemmi fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]), u jridu jkopru n-nefqa li saret mill-Aġenzija tal-Pagamenti sal-aħħar data ta' eliġibbiltà tan-nefqa, li għar-Renju Unit kienet il-31 ta' Diċembru 2023.

(7) F'konformità mal-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, wara li tirċievi l-aħħar rapport annwali dwar il-progress rigward l-implimentazzjoni ta' programm għall-iżvilupp rurali, il-Kummissjoni trid tħallas il-bilanċ, soġġetta għad-disponibbiltà tar-riżorsi, abbażi tal-pjan finanzjarju fis-seħħ, tal-kontijiet annwali għall-aħħar sena ta' eżekuzzjoni għall-programm għall-iżvilupp rurali rilevanti, u tad-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni korrispondenti.

(8) F'konformità mal-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, ir-Renju Unit ressaq sett komplut tal-kontijiet lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2024.

(9) Il-Kummissjoni vverifikat l-informazzjoni mressqa mir-Renju Unit u kkomunikat ir-riżultati tal-verifiki tagħha lir-Renju Unit, flimkien mal-emendi li proponiet.

(10) Għall-aġenziji tal-pagamenti tar-Renju Unit, "Department of Agriculture, Environment and Rural Affairs", "The Scottish Government Rural Payments and Inspections Directorate", "Welsh Government" u "Rural Payments Agency", permezz tal-kontijiet għall-aħħar sena ta' eżekuzzjoni u d-dokumenti ta' akkumpanjament, il-Kummissjoni tkun tista' tieħu deċiżjoni dwar il-kompletezza, l-akkuratezza u l-veraċità tal-kontijiet imressqa.

(11) L-Artikolu 36(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jipprevedi li l-pagamenti interim iridu jsiru mingħajr qbiż tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR programmata. Skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014, meta t-total kombinat tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa jaqbeż it-total tal-kontribuzzjoni programmata għal miżura, l-ammont li jrid jitħallas irid ikun limitat għall-ammont programmat għal dik il-miżura, mingħajr preġudizzju għal-limitu massimu previst fl-Artikolu 34(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. L-ammont limitat irid ikun soġġett għal rimborż iktar tard mill-Kummissjoni wara l-adozzjoni tal-pjan finanzjarju emendat, mhux aktar tard mill-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni.

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 95, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/127/oj).

([8]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2014/907/oj).

([9]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1303/oj).

(12) F'konformità mal-Artikolu 75(1), ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, ir-regoli dwar l-iskadenzi tal-pagamenti għall-miżuri taħt l-iżvilupp rurali fil-kuntest tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, japplikaw mis-sena tat-talba 2019. It-tnaqqis għan-nuqqas ta' konformità mal-aħħar skadenzi tal-pagamenti, ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 5a tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 907/2014, isegwi l-proċedura stabbilita fl-Artikoli 40 u 41 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u jrid jitqies f'din id-Deċiżjoni għall-aħħar sena ta' eżekuzzjoni. Meta jkun xieraq, dak it-tnaqqis jista' jiġi eżaminat bil-proċeduri għall-approvazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

(13) Skont l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, ir-Renju Unit irid iħallas 50 % tal-konsegwenzi finanzjarji tan-nuqqas ta' rkupru tal-irregolaritajiet jekk l-irkupru ma jkunx sar fi żmien 4 snin mid-data tat-talba għall-irkupru jew fi żmien 8 snin f'każ li l-irkupru jitressaq fil-qrati nazzjonali. L-Artikolu 54(4) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jirrikjedi li flimkien mal-kontijiet annwali li jrid iressaq lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 29 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014, ir-Renju Unit irid jehmeż tabella ċertifikata li tirrifletti l-ammonti li jridu jitħallsu mir-Renju Unit skont l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. Ir-regoli dwar l-applikazzjoni tal-obbligu tar-Renju Unit li jirrapporta l-ammonti li jridu jiġu rkuprati, huma stipulati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014. L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014 jistabbilixxi l-mudell tat-tabella li r-Renju Unit irid juża biex jipprovdi l-informazzjoni dwar l-ammonti li jridu jiġu rkuprati. Il-Kummissjoni trid tiddeċiedi dwar il-konsegwenzi finanzjarji tan-nuqqas ta' rkupru tal-irregolaritajiet li jmorru lura iżjed minn 4 jew 8 snin rispettivament, abbażi tat-tabelli li r-Renju Unit ikun mela.

(14) Skont l-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, għal raġunijiet ġustifikati kif xieraq, ir-Renju Unit jista' jiddeċiedi li ma jitlobx l-irkupru. Din id-deċiżjoni tista' tittieħed biss jekk il-kostijiet li jkunu ġġarrbu diġà, u dawk li x'aktarx ikunu se jiġġarrbu, b'kollox ikunu aktar mill-ammont li jrid jiġi rkuprat, jew jekk l-irkupru jkun impossibbli minħabba l-insolvenza, reġistrata u rikonoxxuta skont il-liġi nazzjonali, tad-debitur jew tal-persuni legalment responsabbli mill-irregolarità. Jekk id-deċiżjoni tittieħed fi żmien 4 snin mid-data tat-talba għall-irkupru, jew fi żmien 8 snin f'każ li l-irkupru jitressaq fil-qrati nazzjonali, 100 % tal-konsegwenzi finanzjarji tan-nuqqas ta' rkupru jenħtieġ li jitħallsu mill-baġit tal-Unjoni. L-ammonti li r-Renju Unit iddeċieda li ma jitlobx l-irkupru għalihom u r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu jridu jiġu inklużi fil-kontijiet annwali, skont l-Artikolu 29, il-punt (e), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014. Għalhekk, jenħtieġ li tali ammonti ma jitħallsux mir-Renju Unit iżda minflok jitħallsu mill-baġit tal-Unjoni.

(15) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tqis ukoll l-ammonti li għad iridu jiġu imposti lir-Renju Unit bħala riżultat tal-applikazzjoni tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 b'rabta mal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 għall-FAEŻR.

(16) F'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet li l-Kummissjoni jista' jkun li tieħu sussegwentement biex teskludi xi nefqa mill-finanzjament tal-Unjoni li ma tkunx saret f'konformità mad-dritt tal-Unjoni skont l-Artikolu 52 ta' dak ir-Regolament,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti tar-Renju Unit, "Department of Agriculture, Environment and Rural Affairs", "The Scottish Government Rural Payments and Inspections Directorate", "Welsh Government" u "Rural Payments Agency" huma b'dan approvati fir-rigward tan-nefqa finanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) rigward l-aħħar sena ta' eżekuzzjoni u b'rabta mal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

L-ammonti rekuperabbli mir-Renju Unit jew imħallsa lilu għall-aħħar sena ta' eżekuzzjoni taħt kull programm għall-iżvilupp rurali skont din id-Deċiżjoni, huma stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-ammonti li jridu jiġu imposti lir-Renju Unit, b'riżultat tal-applikazzjoni tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 b'rabta mal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u mal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 għall-FAEŻR, huma stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

It-tnaqqis għan-nuqqas ta' konformità mal-aħħar skadenzi tal-pagamenti f'konformità mal-Artikolu 75(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 taħt kull programm għall-iżvilupp rurali huwa stabbilit fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Il-bilanċi finali għall-programmi għall-iżvilupp rurali 2014-2020 li għalihom ġew approvati l-kontijiet annwali kollha rilevanti tal-Aġenziji tal-Pagamenti korrispondenti, huma stabbiliti fl-Anness IV ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet futuri tal-approvazzjoni tal-konformità li l-Kummissjoni jaf tieħu skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 biex teskludi nefqa mill-finanzjament tal-Unjoni li ma tkunx saret f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Nefqa tal-FAEŻR approvata mill-programm għall-iżvilupp rurali għall-aħħar sena ta' eżekuzzjoni mis-16 ta' Ottubru 2022 sal-31 ta' Diċembru 2023

Ammont li jrid jiġi rkuprat mir-Renju Unit jew imħallas lilu għal kull programm

Programmi approvati bin-nefqa dikjarata għall-FAEŻR 2014-2020

(F'euro)

CCI	Nefqa mis-16 ta' Ottubru 2022 sal-31 ta' Diċembru 2023	Korrezzjoni-jiet (*)	Totali	Ammonti mhux riutilizzabbli	Ammont aċċettat approvat mis-16 ta' Ottubru 2022 sal-31 ta' Diċembru 2023	Pagamenti interim rimborżati lir-Renju Unit mis-16 ta' Ottubru 2022 sal-31 ta' Diċembru 2023 (**)	Ammont li jrid jiġi rkuprat mir-Renju Unit (-) jew imħallas lilu (+)	Bilanċ li jrid jitħallas fl-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni minħabba li ntlaħaq il-livell limitu ta' 95 % (***)
	i	ii	iii = i + ii	iv	v = iii - iv	vi	vii = v - vi	
2014UK06RDRP001	121 830 155,77	– 3 734 783,73	118 095 372,04	0,00	118 095 372,04	125 353 576,36	– 7 258 204,32	126 819 864,44
2014UK06RDRP002	21 434 337,32	26 455,74	21 460 793,06	0,00	21 460 793,06	21 787 003,26	– 326 210,20	11 294 675,97
2014UK06RDRP003	26 660 633,95	– 6 531 408,70	20 129 225,25	0,00	20 129 225,25	27 893 955,35	– 7 764 730,10	26 731 708,08
2014UK06RDRP004	123 326 734,60	– 4 112 110,32	119 214 624,28	0,00	119 214 624,28	119 492 797,86	– 278 173,58	32 579 508,15

(*) In-nefqa dikjarata fid-Dikjarazzjonijiet Annwali għal ċerti programmi tiskatta qbiż fil-livell tal-miżuri. L-iffissar tal-limitu massimu ta' dan il-qbiż se jitqies fil-pagament tal-bilanċ finali (Anness IV).

(**) Il-pagamenti interim rimborżati lir-Renju Unit għal-aħħar sena ta' eżekuzzjoni inkluż l-approvazzjoni tal-prefinanzjament, jinkludu l-ammonti negattivi dikjarati fis-sena finanzjarja mis-16 ta' Ottubru 2022 sal-31 ta' Diċembru 2023. Dawn l-ammonti negattivi tqiesu fil-kalkolu tal-bilanċ finali (Anness IV).

(***) Meta l-pagamenti laħqu l-95 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR għal programm għall-iżvilupp rurali — l-Artikolu 34(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, l-ammonti tqiesu fil-kalkolu tal-bilanċ finali (Anness IV).

ANNESS II

Approvazzjoni tal-kontijiet tal-Aġenziji tal-Pagamenti

L-aħħar sena ta' eżekuzzjoni mis-16 ta' Ottubru 2022 sal-31 ta' Diċembru 2023 - FAEŻR

Korrezzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013

	Korrezzjonijiet relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020		Korrezzjonijiet relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013	
Munita	Fil-munita nazzjonali	F'euro	Fil-munita nazzjonali	F'euro
GBP	21 574,31	0,00	20 161,06	0,00

ANNESS III

Approvazzjoni tal-kontijiet tal-Aġenziji tal-Pagamenti

L-aħħar sena ta' eżekuzzjoni mis-16 ta' Ottubru 2022 sal-31 ta' Diċembru 2023 - FAEŻR

Tnaqqis minħabba l-iskadenzi tal-pagamenti għal kull programm għall-iżvilupp rurali għall-aħħar sena ta' eżekuzzjoni mis-16 ta' Ottubru 2022 sal-31 ta' Diċembru 2023 f'konformità mal-Artikolu 75(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013

(F'euro)

CCI	Tnaqqis għan-nuqqas ta' konformità mill-aħħar skadenzi tal-pagamenti mis-16 ta' Ottubru 2022 sal-31 ta' Diċembru 2023
2014UK06RDRP001	14 940,64
2014UK06RDRP002	35 957,09
2014UK06RDRP003	32 648,44
2014UK06RDRP004	0,00

ANNESS IV

Approvazzjoni tal-kontijiet tal-Aġenziji tal-Pagamenti

L-aħħar sena ta' eżekuzzjoni mis-16 ta' Ottubru 2022 sal-31 ta' Diċembru 2023 - FAEŻR

Il-bilanċi finali għall-programmi għall-iżvilupp rurali 2014-2020 tar-Renju Unit li għalihom ġew approvati l-kontijiet annwali rilevanti kollha

Aġenzija tal-Pagamenti	Programm	Bilanċ finali f'EUR
GB05	2014UK06RDRP002	10 999 215,10
GB06	2014UK06RDRP003	41 031 496,18
GB07	2014UK06RDRP004	32 579 508,15
GB09	2014UK06RDRP001	169 325 140,00